MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 275/2007

**Transfreight Limited**

**vs**

**Gennaro Rosario de Luca**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas ta' mitejn disgha u disghin ewro u sittin centezmu (€299.60) gja LM 128.62 rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi in konnessjoni mall-garr ta' merce ezegwit da parti tas-socjeta' attrici fuq merkanzija tal-konvenut, kif jirrizulta mill-fattura datata 29 ta' Marzu, 2005 u kif mitlub minnu stess u liema spejjez jirraprezentaw ukoll in-noll u spejjez u servizzi ohra relatati ma l-istess garr ta' merkanzija illi minkejja bosta interpellazzjonijjiet il-konvenut ghadu ma hallasx.

Bl-Ispejjez tal-proceduri legali li qieghdn jittiehdu u li ser jittiehdu, inkluzi l-ispejjez ta’ dan l-att u bl-imghax kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn issolleva l-preskrizzjoni tal-azzjoni b’sena ‘*ai termini’* tal-artiklu 2147(d) u bla pregudizzju ghall-premess, illi kienet saret novazzjoni tal-kwistjoni bejn il-partijiet stante li l-konvenut sofra danni meta saret konsenja ta’ oggetti bi ksur, biex kull parti tbati l-ispejjezs taghha. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi permezz ta’ nota i-konvenut eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni *‘ai termini’* tal-artiklu 544 (a) tal-Kap. 13 tal-kodici tal-Kummerc

Ra d-dokumemnti ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema x-xhieda ta’ Frank Borg u x-xhieda bl-affidavit ta’ Gennaro de Luca u Pierre Grixti.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza fil-mertu titratta dwar rizarciment ghal servizz rez in konnessjoni ma garr ta’ ghamara ‘*ex warehouse’* mill-Italja lejn Malta sad-dar tal-konvenut. F’ecezzjoni preliminari l-konvenut issolleva il-preskrizzjoni ‘*ai termini’* tal-artiklu 2147(d) minghajr ma gie indikat taht liema kap u permezz ta’ nota giet issollevata ecezzjoni preliminari ulterjuri ‘*ai termin’i* tal-artiklu 544 (a) tal-kodici tal-Kummerc fejn kull azzjoni ghal hlas ta’ noll jaghlaq sena wara li jispicca l-vjagg. Illi t-Tribunal m’huwiex f’posizzjoni jiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mill-konvenut peress illi ma giex indikat taht liema kap tal-ligi din l-eccezzjoni qieghda tigi eccepita.

Illi b’sentenza *‘in parte’* moghtija fis-17 ta’ April, 2008, it-Tribunal deherlu illi l-preskrizzjoni applikabbli ma rizultatx mill-kodici tal-kummerc kif gie sottomess mill-konvenut u ghaldaqstant irrespinga l-eccezjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 544 (a) tal Kap 13 issollevata b’nota ta’

eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut u ordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

Illi ghalhekk it-Tribunal ha jghaddi sabiex jiddeciedi l-kaz fuq il-mertu.

Mill-provi jirrizulta illi l-konvenut kien gab merkanzija mat-'*trailers*' tas-socjeta' attrici fit-28 ta' Marzu, 2005 u li l-kont tal-garr ta' merkanzija kien ghadu ma thallasx mill-konvenut. Il-merkanzija konsistenti f'kamra tas-sodda, kienet inxtrat direttament mill-fabbrika u s-socjeta' attrici kellha l-inkarigu li ggorra mill-fabbrika sall-indirizz tal-konvenut. Illi mix-xhieda tal-konvenut irrizulta lli '*l-headboard'* tas-sodda kellha xi daqqiet u li l-konvennut kien intebah bil-hsarat malli gew konsenjati lilu. Qal ukoll illi huwa flimkien mas-sewwieq tat-'*trailer'* kienu nizzlu d-dettalji tal-hsarat li kien sab il-konvenut fl-ghamara konsenjata lilu . It-Tribunal jinnota illi l-konvenut ma gab ebda prova kemm '*viva voce'* u kemm dokumentali li jsahhah id-difiza tieghu meta qal illi l-ghamara kienet garbet hsarat, meta qal li kellu jerga' jordna mill-gdid il-'*headboard*' tas-sodda u meta qal li kellu jhallas ghat-trasport tal-ghamara l-ohra mill-gdid. Illi t-Tribunal ha jkollu jistrieh fuq l-affidavit tal-konvenut kif ukoll ix-xhieda tieghu *'viva voce'*. Illi x-xhud prodott mill-konvenut sabiex jikkonferma l-hsarat, li kien ix-xuffier li dak iz-zmien kien jahdem mas-socjeta' attrici u li allegatament kien ix-xuffier li kkonsenja l-merkanzija in kwistjoni ma ftakar xejn, l-anqas li kien ikkonsenja l-merkanzija lill-konvenut li kien ta' nazzjonalita' Taljana. Il-konvenut stqarr ukoll illi s-socjeta' attrici ma riedetx taccetta '*claim*' minghandu sabiex jibdew proceduri mas-socjeta' assikuratrici qabel ma jithallsu tal-garr. Izda l-konvenut baqa' ma hallasx lis-socjeta' attrici. Qal ukoll illi huwa ma kienx hareg assikurazzjoni ghall-merkanzija meta ordna l-ghamara mill-Italja izda kien ircieva skont fuq it-tieni konsenja mis-socjeta' venditrici fl-Italja.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma lli l-konvenut ma ppruvax l-allegati hsarat imsemmija minnu kif ukoll l-anqas illi l-allegati hsarat imsemmija mill-konvenut gew kawzati mis-socjeta' attrici.

In konkluzjoni wara evalwazzjoni tal-prova migjuba quddiemu u wara li ezamina d-dokumenti kollha fl-atti, jidhirlu lli s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha kontra l-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici.

Spejjez tal-kawza bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------